**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 237/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Carlos Lean SCHEMBRI**

**Illum, 23 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **Carlos Lean SCHEMBRI** minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar id-9 ta' Mejju 2023, fil-konfront tal-istess **Carlos Lean SCHEMBRI**, iben Ruth nee` Schembri, imwieled fl-4 ta' Marzu 1998, residenti Blk C, Flat 6, Triq l-Alfier De Medran, Tarxien u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 97398(M), wara li ġie mixli talli:

   Fit-2 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tas-13:45hrs, fl-akkwati tal-Biżbiżija, Mosta, u f'toroq oħra f'dawn il-Gżejjer, waqt li kien qed isuq il-vettura tal-għamla 'Mercedes Benz' reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni CBX 365:

(1) Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (Art 15(1)(a)(3), Kap. 65);

(2) Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Art 3(1), Kap. 104);

(3) Kellu fit-triq, l-imsemmija vettura, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport Malta (Art. 13(2), L.S. 368.02);

(4) Naqas li jwaħħal id-diska tal-liċenzja fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tkun tidher minn quddiem (Art. 17(2)(a), L.S. 368.02);

(5) Għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari u ċioe` għamel użu minn pjanċa ta' numri tan-numri tar-reġistrazzjoni FCT 075, li huma allokati lill-vettura tal-għamla 'Peugeot' (Art. 44(5), LS. 368.02);

(6) Biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur jew xort'oħra bagħbas mal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur (Art. 44(4), LS. 368.02);

(7) Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan (Art. 15(1)(a)(3), Kap. 65;

(8) Saq l-imsemmija vettura bi ħġieġ skurat/*tinted* meta kien ġie applikat kulur, film, sustanza jew materjal ieħor mingħajr il-permess tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (Reg. 110A(4)(5), L.S. 65.11);

(9) Kif ukoll talli sar reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 21/6/2016 mill-Maġ. F. Depasquale LL.D. u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fis-6/10/2017 u fit-23/3/2018 mill-Maġ. Dr. J. Mifsud LL.D (Art. 49, 50, Kap. 9).

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita, tordna lill-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għall-perjodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe` l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat (illum l-appellant) **SCHEMBRI** mill-imputazzjonijiet numru 2 u 8, stante li huma preskritti, mill-imputazzjonijiet numru 3 u 4, stante li l-piena applikabbli m'hijiex erogabbli mill-Qorti, u mill-imputazzjonijiet numru 5 u 6 fl-assenza tal-aħjar prova, sabitu ħati tal-ewwel, is-seba', u d-disa' imputazzjonijiet u kkundannatu jiskonta piena ta' xahar priġunerija. B'żieda mal-piena, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' xahar.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant **Carlos Lean SCHEMBRI** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Qorti appellat fejn sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena inflitta ta' xahar prigunerija u tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u minflok tinfliggi piena alternattiva għal dik karcerarja.*

4. Illi permezz tar-risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors tal-appell tal-appellant illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-appell fl-intier tagħha, u tikkonferma s-sentenza, inkluż il-piena, tal-Ewwel Qorti.

5. Illi l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-appell fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar it-12 ta' Diċembru 2024.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-2 ta' Mejju 2021, il-Pulizija waqqfu vettura tal-għamla Mercedes ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni FCT 075 ġewwa l-*bypass* tal-Mosta, fl-akkwati tal-Biżbiżija, direzzjoni lejn Burmarrad. Minn stħarriġ magħmul mill-Pulizija minn fuq is-sistema interna tagħhom, irriżultalhom li l-pjanċa ta' reġistrazzjoni FCT 075 kienet tgħajjat lil vettura oħra tal-għamla Peugeot. Skont l-informazzjoni kontenuta fil-*logbook* tal-imsemmija vettura, il-kulur tagħha kellu jkun griż u mhux abjad u n-numru ta' reġistrazzjoni ta' dik il-vettura kien CBX 365. Lill-Pulizija rriżultalhom ukoll illi l-vettura ma kellhiex liċenzja u lanqas polza ta' assikurazzjoni valida, kif ukoll illi l-appellant **SCHEMBRI** ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Ġie nnutat li l-vettura kellha wkoll numru ta' irregolaritajiet fosthom il-ħġieġ iskurat mat-twieqi kollha. L-istess vettura ġiet għalhekk elevata mill-Pulizija.[1]

7. Illi <u>fl-ewwel aggravju</u> li ġie sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, mingħajr madankollu ma jindika r-raġunijiet għal dan.

8. Għalhekk għalkemm l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan fid-dawl tal-apprezzament ħażin tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, huwa ma spjegax f'hiex jikkonsisti dan l-apprezzament żbaljat da parti tal-Ewwel Qorti. Kif jgħid tajjeb l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu, kull ma għamel l-appellant huwa illi ċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti, diversament preseduta, dwar ir-rwol tagħha bħala Qorti ta' reviżjoni, mingħajr ma għamel ebda tip ta' argument sabiex jallaċċja din il-ġurisprudenza mal-każ odjern. L-Artikolu 419(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi r-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti

[1] Ara l-affidavits ta' PS 508 A. Gatt (a fol. 2 tal-proċess), ta' PC 81 Leandro Muscat (a fol. 4 tal-proċess) u ta' PC 78 L. Grima (a fol. 19 tal-proċess).

ġudizzjarji, għandu jkun fih "*ir-raġunijiet tal-appell*", b'dan għalhekk illi għalkemm l-aggravju jista' jkun qasir, dan għandu jindika spjegazzjoni ċara tal-ilment tal-appellant. Din il-Qorti ma tistax tistħarreġ appelli jew toqgħod tipprova teskoġita hi x'seta' ntenda l-appellant. L-appellant kellu jindika b'mod preċiż l-ilment tiegħu, u fejn ried jattakka l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, kellu jindika b'mod ċar fejn ma jaqbilx. Fil-każ odjern, kif ingħad, l-appellant illanja biss dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi tal-Ewwel Qorti, iżda ma kompliex jispjega għaliex l-Ewwel Qorti kienet żbaljata u konsegwentement għaliex din il-Qorti għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssibu mhux ħati tal-ewwel, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet miġuba kontra tiegħu, b'dan għalhekk illi din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad dan l-aggravju tal-appellant.

9. Jiġi wkoll rilevat illi fl-istadju tas-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, l-appellant attakka l-validità tal-affidavits tal-Pulizija, stante illi fil-fehma tiegħu, dawn huma neqsin mill-indikazzjoni tal-lok fejn saru, u għalhekk skont hu, ma tirriżultax il-prova illi l-appellant kien fil-fatt qed isuq il-vettura in kwistjoni fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna; punt dan li ma tqajjimx minnu fir-rikors tal-appell tiegħu.

10. Din il-Qorti tgħaddi sabiex tfakkar lill-appellant illi hija marbuta li tirrevedi s-sentenza tal-ewwel Qorti abbażi biss tal-aggravji fir-rikors tal-appell tiegħu. Dan b'eċċezzjoni għal dawk l-istanzi fejn din il-Qorti tkun tista' tintervjeni *ex officio* sabiex tindirizza xi punt ta' dritt li jinċidi fuq il-validità tas-sentenza appellata jew fuq il-proċeduri. Il-kwistjoni tal-validita` o meno ta' prova – f'dan il-każ tal-affidavits tal-Pulizija – m'hijiex waħda minn dawk il-punti ta' dritt li din il-Qorti tista' tissolleva minn jeddha mingħajr aggravju f'dan is-sens fir-rikors tal-appell. L-appellant ma talabx l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti sabiex iqajjem aggravju ieħor wara li ntavola r-rikors tiegħu, u għaldaqstant din il-Qorti m'hijiex se tinoltra ruħha f'dan l-aggravju ġdid imqajjem mill-appellant.

11. Illi fit-<u>tieni aggravju</u> minnu mressaq, l-appellant **SCHEMBRI** jilmenta mill-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u jsostni li din il-piena hija waħda assolutament gravuża. Isostni wkoll illi din il-Qorti hija f'qagħda li teżamina l-personalita` tiegħu u tagħmel valutazzjoni anke

permezz ta' *social worker* jew *Probation Officer* sabiex jeżaminaw l-andament tiegħu, iżda fl-ebda waqt ma talab illi quddiem din il-Qorti jitressqu xhieda dwar dan l-andament. Lanqas ma jgħid għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda gravuża jew għaliex il-Qorti għandha timponi piena alternattiva għal dik ta' priġunerija.

12. Huwa paċifiku kif sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.*" Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This**

**does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[2]

13. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[3]

14. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, jingħad minnufih illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda li tirrientra fil-parametri tal-liġi għar-reati li dwarhom instab ħati l-appellant. Dwar il-piena minnha erogata, l-Ewwel Qorti qalet hekk fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-istess:

> Il-Qorti rat mill-fedina penali tal-imputat li dan kemm il-darba ġie misjub ħati mill-Qrati tagħna ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku inkluż f'tal-inqas tlett (3) okkażjonijiet oħra r-reat tas-sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss illi għandha timponi piena karċerarja effettiva sabiex tirrifletti l-gravita` tal-aġir menefregista tal-imputat li matul is-snin baqa' jippersisti bl-insistenza tiegħu illi minflok ma jottjeni liċenzja tas-sewqan skond il-liġi billi jgħaddi mit-test tal-liċenzja, jagħmel li jidhirlu moħħu bil-ħsieb żbaljat li ħadd ma jista' għalih.

15. Wara li rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant, li hija miżgħuda b'akkużi simili bħal dawk li l-istess appellant instab ħati tagħhom permezz

---

[2] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

tas-sentenza appellata, u tinkludi wkoll kundanna dwar sewqan mingħajr liċenzja, da parti tal-istess appellant, li seħħ nhar id-19 ta' Mejju 2021, u għalhekk ftit tal-jiem wara l-jum li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kellha raġun fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena u ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed minn din id-deċiżjoni. Jidher li l-pieni erogati fil-konfront tal-appellant preċedentement dwar akkużi simili, ma ħallew l-ebda effett fuqu, baqa' ma tgħallem xejn, u kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, huwa kompla bl-"*aġir menefregista*" tiegħu matul is-snin. Imbagħad, in kwantu s-sospensjoni tal-liċenzja, fit-termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, din hija tassattiva u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma tqisx illi perjodu ta' skwalifika ta' xahar huwa wieħed eċċessiv.

16. Għaldaqstant, dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-appell ta' **Carlos Lean SCHEMBRI** u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**